**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 t' Ottubru, 2019**

**Talba Nru: 219/2019 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Abdalla Hussin Khalifa Fraj**
**(ID Nru. 160618(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 t'Awwissu, 2019 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, sitt mija u sebgha u sebghin euro u tnejn u sebghin centezmi (€1677.72) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40792739, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 t'Ottubru, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-14 t'Ottubru, 2019 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Illi a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-avviz odjern ossija mill-4 ta' Settembru, 2019.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici is-somma mitluba ta' elf, sitt mija u sebgha u sebghin euro u tnejn u sebghin centezmi (€1677.72) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40792739, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mill-4 ta' Settembru, 2019 data tan-notifika lill-konvenut tal-prezenti avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**